VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,507, 4 ta' Diċembru, 2015
Taqsima B

A.L. 386 tal-2015

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2015 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż. Kap. 101.

1. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż għandha ssir korrezzjoni billi minflok il-kliem "*cannabis* (qanneb indjan): anqas minn 100 gramma" għandhom jidħlu l-kliem "*cannabis* (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-14 ta' Awwissu, 2014, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha titqies li ġiet fis-seħħ.